## ŻEWĠ POEŻIJI TA' PUXKIN

1. *Darba ħabbejtek; forsi ġewwa ruħi*
*għadha l-imħabba ma metitx għal kollox;*
*imma ma nħallihiex iddejqek iżjed*
*għax qalbek ma rrid b'xejn insewwidhielek.*

*Jiena ħabbejtek sieket mingħajr tama,*
*batejt issa bil-ferħ, issa bil-għira;*
*ħabbejtek hekk bis-sew u mingħajr ħjiena*
*kif 'k Alla jrid nixtieq li jħobbok ieħor.*

2. *M'għandekx sabar ġo ġismek,*
*ilsienek dejjem sejjer,*
*taqbad ma' dan, ma' l-ieħor,*
*kollok kommenti w stejjer.*

*Toqgħod biss jekk ikollok*
*tgħanniqa ma' spallejk,*
*u biex ilsienek jieqaf*
*trid bewsa fuq xofftejk.*

## MY PRIME OF YOUTH IS BUT A FROST OF CARES

(Miktuba jum qabel tawh il-mewt)

*Is-sajf ta' ħajti sar xitwa ta' biża'*
*u l-għors u l-ferħ sar ikel ta' tbatija;*
*il-wiċċ tal-qamħ sar għalqa bis-sikrana*
*u kulma għandi — tama qarreqija;*
*ħajti spiċċat w għadni mank twelidt sewwa,*
*għalkemm qed ngħix spiċċat il-ħajja għalija.*

*Ġà waqa' l-frott u l-weraq għadu aħdar,*
*l-istorja ntemmet w għadha mank mbdija;*
*żgħożiti ntfiet u għadni m'iniex xwejjaħ,*
*u rajt id-dinja w ħadd ma sar jaf bija;*
*il-ħajta nqatgħet għadha mank magħżula;*
*għalkemm qed ngħix spiċċat il-ħajja għalija.*

*Fittixt il-mewt u sibtha ġo ġuf ommi,*
*ġrejt wara l-ħajja — kienet dell bla dija,*
*imxejt fuq art — saret il-qabar tiegħi*
*w issa ħa mmut — in-nifs kemm-kemm ġie fija;*
*it-tazza mtliet, iż-żejt ta' ħajti spiċċa,*
*għalkemm qed ngħix spiċċat il-ħajja għalija.*

Chidiock Tichbourne

(Maqlubin għall-Malti minn Marċell Mizzi)